MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 235/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrci tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance Plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet taghha Joseph Bugeja**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern u Godrey Aquilina**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta’ Marzu, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu li:

1 Din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti, jew minn minnhom, unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikurattrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-1 ta' Awissu 1998 fil-limiti ta' Marsa imhabba li b'traskuragni u negligenza ippermettew li johrog "hydrolic oil" minn gol-vettura numru GVN 262 waqt li din kienet qed tintuza fit-triq, bir-risultat li l-assikurat tal-konvenut, Joseph Bugeja, li dak il-hin kien qed isuq il-vettura numru JAU 514 skiddja u habat u ikkaguna hsarat konsiderevoli fil-vettura tieghu.

2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-amont ta' hames mija u seba' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm507.75) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3 Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom sabiex jhallsu lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm12.00) ta' ittra ufficjali tat-13 ta' Dicembru 1999 kontra l-istess konvenuti u notifikat skond il-ligi lill-Avukat Generali, li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 Hadd mill-konvenuti ma huwa responsabbli ghad-danni reklamati stante illi dawn ma grawx tort taghhom;

2 L-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' Joseph Bugeja li kien imprudenti u wera nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan tal-vettura tieghu;

3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2001 fejn il-konvenuti ddikjaraw illi kienu qeghdin jikkontestaw biss ir-responsabbilta' izda mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-provi prodotti mill-atturi dwar l-incident awtomobilistiku jinkludu d-deposizzjoni tas-Surgent PS1431 Mario D'Amico li setgha jikkonferma illi fuq il-post tal-incident kien hemm il-karrozza ta' Joseph Bugeja, l-assikurat mal-kumpanija attrici, u kien jidher li din skiddjat, kienet mahbuta u kellha wkoll l-hsarat fuqha, u kien hemm ukoll vettura ohra ta' certu Joseph Persiano, li kienet ukoll giet danneggjata b'effett ta' skid.

L-istess Surgent ikkonferma illi dawn iz-zewg sewwieqa fuq il-post, allegaw illi kienu skidjaw fuq xi zejt li kien hareg minn xi ambulanza li kienet ghada kif issorpassathom u setgha jikkonferma l-istess Surgent illi din l-ambulanza kienet wieqfa bi hsara xi mitejn metru iktar il-fuq mill-post tal-incident u li taht din l-ambulanza kien hemm zejt li hareg mis-sistema ta' hydrolic taghha u li, kif l-istess Surgent, ghamel fir-rapport tieghu kien inkariga lill-ufficjali tal-Fire Brigade biex tefghu ramel fuq ir-roqa zejt li kienet harget minn din l-ambulanza.

Iz-zewg sewwieqa li kienu ghandhom fuq il-post meta l-ufficjali tal-pulizija marru jinvestigaw il-kaz, taw id-deposizzjoni taghhom u t-tnejn jikkonfermaw illi kienu skidjaw fuq roqa zejt u billi effettivament kienet ghada kif issorpassathom ambulanza illi kienet garbet hsara ftit wara ghaliex hareg iz-zejt tal-hydrolic minnha, huma ikkonkludew illi l-iskidjar taghhom kien fuq roqa zejt li halliet din l-istess ambulanza.

M'hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti m'ghandix taccetta li effettivament dawn iz-zewg vetturi ta' Bugeja u ta' Persiano kienu skiddjaw fuq roqa zejt li kien hemm fil-

karreggjata li kienu fiha. Anzi din hija l-unika spjegazzjoni logika ghaliex dawn iz-zewg vetturi skiddjaw wara xulxin fl-istess post.

Jirrizulta stabbilit ukoll  illi, mitejn (200) metru l-fuq minn fejn skiddjaw dawn il-vetturi, ambulanza li kienet ghada kif appena issorpassathom, kienet garbet hsara f'dawk il-vicinanzi tant li waqfet, mitejn (200)  metru  l-boghod u minnha kien hareg kwantita' ta zejt ta hydrolic li kellhu jitnehha minn fuq il-post biex ma jkunx ta' perikolu ghal sewwieqa ohra..

Huwa ghalhekk  konsegwenza logika li jinghad illi z-zejt li fuqu skiddjaw il-vetturi msemmija kien zejt li halliet din l-ambulanza ghaliex, jekk l-ambulanza kellha tieqaf mitejn (200) metru iktar il-fuq minhabba n-nuqqas ta' zejt, huwa evidentement li z-zejt kien beda johrog hafna qabel sakemm wassal biex l-ambulanza ma tkunx tista tibqa ghaddejja fit-triq taghha. Inoltre jirrizulta li l-istess ambulanza kienet ghada kif issorpassat lill-vetturi danneggjati.

Dan hu anke ikkonfermat mis-sewwieq tal-istess ambulanza, il-konvenut Godfrey Aquilina, illi jsostni illi qabel ma waqaf huwa kien digia' nnota difett mekkaniku fl-ambulanza u meta waqaf xi ftit tal-mumenti wara illi nduna bid-difett, huwa sab illi z-zejt kien hiereg minn go l-ambulanza tieghu.

Ma jirrizultax pero', illi dan id-difett f'din l-ambulanza gie kkawzat  minn xi sewqan imprudenti jew nuqqas tal-konvenut Godfrey Aquilina u ghalhekk,  bhala sewwieq biss tal-ambulanza li ma setghax ikun jaf biz-zejt hiereg mill-vettura fdata lilhu, dan ma ghandhu ebda responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni, anzi jidher illi, prudentement, meta induna bid-difett, huwa pparkeggja l-ambulanza mal-gemb tat-triq u ma kompliex jferrex z-zejt fit-triq b'perikolu ghall-utenti l-ohra tal-karreggjata.

Min-naha l-ohra jirrizulta illi din l-ambulanza kienet pogguta ghad-disposizzjoni tal-istess Godfrey Aquilina, mill-konvenut l-iehor Tabib Principali tal-Gvern f'isem min

il-vettura kienet illicenzjata u kien risponsabbli ghall-manteniment regolari taghha.

Ma jirrizultax illi d-difett li avvera ruhu fil-van setgha kien xi difett li gie kkawzat fortuwitament, anzi jirrizulta li l-hrug taz-zejt kien dovut ghal ‘wear and tear’ normali ta’ l-parti mekkanika ta vettura, u setgha jigi evitat b’manteniment regolari tal-vettura, iktar u iktar meta si tratta ta’ vettura uzata regolarment bhal ma hi ambulanza.

Ghaldaqstant il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, bhala l-utent u tal-istess vettura u fil-kontroll taghha jrid jirrispondi ghal hsarat kollha li sofra l-assigurat tal-atturi, minhabba z-zejt provenjenti mill-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi qeghdha tilqa’ t-talba attrici fil-konfront biss tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern u tichadhom fil-konfront tal-konvenut Godfrey Aquilina u qieghdha tiddikjara lill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern huwa unikament responsabbli ghall-hsara li sofriet il-vettura ta’ Joseph Bugeja bin-numru JAU 514, kollox kif allegat fl-ewwel talba attrici; qed tillikwida d-danni li sofriet is-socjeta attrici bhala attrici tal-vettura ta’ Joseph Bugeja fis-somma ta’ Lm507.75 (hames mija u seba’ liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi) fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni dwar il-‘quantum’ u qeghdha tikkundanna lill-istess konvenut Tabib Principali tal-Gvern sabiex ihallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata ta’ LM507.75, flimkien mal-imghaxijiet legali mit-28 ta’ Frar tas-sena 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern.”

It-Tabib Principali tal-Gvern hassu aggravat b’din id-decizjoni u appella minnha b’aggravji li fis-sustanza jikkonsistu fi kritika tal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Huwa jissottometti illi biex il-vettura tal-assikurat tas-socjeta` attrici setghet tiskiddja l-ammont ta’ zejt ried ikun aktar minn zewg litri u nofs ta’ hydraulic fluid fil-brejkijiet. Izid jghid illi l-fatt li t-tieni ambulanza ghaddiet mill-istess post u ma skiddjatx huwa indikattiv li jekk kien

hemm zejt ma’ l-art dak iz-zejt ma kienx dak li hareg mill-ambulanza misjuqa mill-konvenut Godfrey Aquilina.

Jissokta jikkontendi illi l-prova ta’ nuqqas ta’ manutenzjoni fl-ambulanza ma saretx u dippju minn imkien ma rrizulta illi din kienet waslet biex tinghata ‘service’ u ma nghatatx.

Huwa evidenti illi l-azzjoni tas-socjeta` assikuratrici appellata hija bazata fuq id-disposizzjoni tal-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jistabilixxi l-principju ta’ “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”. Din in-norma tikkostitwixxi l-karattru tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana u tenuncja l-principju in virtu ta’ liema l-lezjoni li tigi kagjonata tat-terz tobbliga l-awtur tal-istess lezjoni ghar-rizarciment tad-danni.

Huwa sintomatiku ghalhekk f’kawza ta’ din ix-xorta illi l-attur li jallega l-hsara bi htija tal-konvenut ghandu b’obbligu d-dover li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni u li l-wahda jew l-ohra jigu individwati bhala n-ness tal-kawzalita`. Kif gustament rilevat mill-Qorti ta’ l-Appell Sede Civili fid-decizjoni taghha riportata a **Vol XXIV pI p893**, “la colpa e` un ipotesi giuridica e generica finche` sta nelle disposizioni della legge e sui trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili”.

Din il-Qorti bhal dik ta’ l-ewwel grad hi sodisfatta mill-provi processwali illi l-atturi appellati wasslu l-kaz taghhom sal-punt rikjest illi jistabilixxu illi d-danni subiti fil-vettura tal-attur Joseph Bugeja kienu l-konsegwenza diretta taz-zejt li pperkola fit-triq mill-ambulanza misjuqa mid-driver Godfrey Aquilina.

Mill-fatti tal-kawza jirrizulta kjarament illi kif ammess mill-istess konvenut Godfrey Aquilina (fol 42) dakinhar tal-incident hu htieglu jieqaf ghaliex l-ambulanza giet “free”. Mill-istess verifiki tieghu irrizultalu illi minn pipe taht l-ambulanza kien hiereg iz-zejt minnu (fol 48). Kemm l-attur Joseph Bugeja (fol 25) kif ukoll Massimo Persiano

(fol 23) jikkonfermaw illi l-vettura rispettiva taghhom skiddjat fuq iz-zejt hekk kif l-ambulanza ssorpassathom.

Huwa bil-wisq sintomatiku illi l-kawza prossima tal-iskiddjar kien dan iz-zejt li kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti kien beda hiereg hafna qabel sakemm wassal biex l-ambulanza tarresta ruhha u ma tkunx tista' tissokta tinsaq fi triqtha.

Din il-Qorti difficilment tista' tikkondividi l-asserzjoni gratuwita tal-appellant illi kien mehtieg volum akbar ta' zejt biex jista' jinghad li kien possibbli l-iskiddjar. Il-Qorti trid toqghod fuq il-fatti u mhux fuq meri kongetturi jew supposizzjonijiet biex tasal ghal gudizzju taghha. Lanqas hija mbaghad accettabbli l-osservazzjoni illi ghax it-tieni ambulanza ma skiddjatx ukoll, ergo, b'daqshekk, ma jistax jigi attenut li kien iz-zejt li hareg mill-ambulanza l-ohra li ta okkazjoni ghall-iskiddjar.

Korretement, imbaghad, irragunat l-ewwel Qorti fejn eliminat l-iskuzanti tal-kaz fortuwitu bhala "mezzo liberatorio della responsabilita`" (**Kollez. Vol XXX pII p142**). Dan anke ghaliex kif qalet wisq sewwa l-Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Imhallef Professur Michelangelo Refalo, "il caso fortuito o la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria e colposa, non prevedibile o almeno non evitabile. Quando nvece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono la conseguenza della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto" (**Kollez. Vol. XXIV pI p172**).

Fil-kaz prezenti dan in-nuqqas ta' diligenza huwa konfigurabbli mill-fatt tan-nuqqas ta' debita manutenzjoni tal-ambulanza. Il-prova ta' dan il-fatt kienet 'in re ipse'. B'mod li min ikun ipprova dan il-fatt ghandu jinftiehem li pprova anke l-htija; u allura jkun dmir ta' min ikun kagun ta' dan il-fatt li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda. Ara **Kollez. Vol. XXVII pI p988**; **Vol XXX pIV p616**, fost ohrajn.

Fuq l-iskorta ta' dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Elmo Insurance Services Limited noe –vs- PC 537 Joseph Micallef et**", 5 ta' Ottubru 2001, "l-attur irnexxielu fuq bazi ta' probabilita` jikkonvinci lil din il-Qorti li l-Kummissarju tal-Pulizija kien naqas milli jaghmel il-prova sal-grad rikjest li hu kien sewwa qeda d-doveri tieghu li mhux biss jaghmel manutenzjoni regolari fil-vetturi, imma wkoll illi jiehu dawk il-passi kollha accertati li vetturi tal-kobor u toqol, bhal ma huma Fire-Engines li setghu jkunu hazard fit-triq, jekk ma jkunux mija fil-mija roadworthy, isirulhom it-testijiet rigoruzi mehtiega qabel jigu ordnati fuq it-triq biex ikun assigurat li l-basic safety requirements bhal ma huma indubbjament is-sistema tal-brakes, ikunu sewwa funzjonanti".

Kuntrarjament allura ghal dak ritenut mill-appellanti l-piz ta' din il-prova kien jinkombi fuqu. Prova li hu naqas li jaghmilha bhala dimostrazzjoni li hu ha dawk il-passi mehtiega u doveruzi biex jassigura illi l-ambulanza 'de quo' tkun sewwa mantenuta. L-aggravju allura tal-appellanti ma jistax jigi sostenut u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell interpost mit-Tabib Principali tal-Gvern u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------